# IL-FESTA TA' SAN PUBLJU FL-1874
## 130 sena ilu, fil-Furjana żżanżnet opra fost l-isbaħ fil-Knejjes Maltin



L-Arċipriet Fr Richard Borg jintroduċi lil David Torpiano lill-President ta' Malta

**minn David Torpiano**

Tul il-medda tas-snin, id-drawwiet Maltin u t-tradizzjonijiet reliġjużi ta' din il-gżira ċkejkna intgħagnu flimkien f'kultura waħda u żviluppaw qrib xulxin tant li f'ħafna sitwazzjonijiet, dawn diffiċilment jistgħu jiġu mifrudin. Il-festi titulari f'biċċa kbira mill-parroċċi tagħna huma fenomenu ta' dan it-tip, riżultat ta' twaħħid ta' tradizzjonijiet popolari u kult liturġiku li jingħata fil-Knisja u permezz tagħha, lil Alla u lill-qaddisin.

Bla ebda dubbju, bħala parti intrinsika mill-identità tagħhom, il-Furjaniżi kollha jgħożżu u japprezzaw ħafna lil San Publju u l-Festa Titulari marbuta miegħu. Ta' kull sena l-Furjaniżi jġeddu dal-ferħ ġenwin billi jieħdu sehem bi ħġarhom fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Knisja u jifirħu wkoll b'mod san bejniethom, għaliex il-'festa', li hi essenzjalment reliġjuża,



Id-dehra meraviljuża tat-Tużell



Il-ħadid li bih iżommu it-tużell meta jkun armat

ladarba għandha x'taqsam mal-bnedmin ma tistax ma tkunx festa li tolqot ukoll aspetti soċjali. Għadda bosta żmien minn meta n-nies tal-Furjana bdew jiċċelebraw modestament (bħal kull bidu ieħor) il-festa titulari ta' San Publju. Għalhekk laħqu nġemgħu għadd ta' tifkiriet marbutin mal-festa.

B'xorti tajba wħud mill-ġurnali lokali kellhom l-użanza li jirrappurtaw fil-qosor xi tagħrif fuq il-festa li tkun għaddiet. Hekk ġara f'wieħed mill-ġurnali lokali '*Lo Smascheratore*', li ġie ppubblikat għall-ewwel darba fis-sena 1873.

Fost il-festi li saru f'ġieħ San Publju tul is-snin, dan il-ġurnal qed jagħti prominenza lill-festa ta' San Publju li saret f'April ta' l-1874, eżattament tletin sena wara li l-Knisja ta' San Publju ġiet iddikjarata knisja parrokkjali u allura il-Furjana





ġiet elevata għall-istat ta' parroċċa, fil-5 ta' Marzu ta' l-1844 b'digriet tal-Papa Gregorju XVI. F'anqas minn tletin sena, fis-sena 1869, il-knisja parrokkjali ta' San Publju ġiet mogħtija d-dinjità ta' knisja arċipretali mill-Papa Piju IX bit-tħabrik tal-Kappillan (l-ewwel Arċipriet) Kan. Salv Gaffiero u l-Isqof ta' Malta Gaetano Pace Forno O.S.A.



Parti oħra mit-tużell minn ġewwa qabel jeħel iċ-ċelu

Kienet festa mill-isbaħ skond kif ġiet irrappurtata f'dan il-ġurnal (Lo Smascheratore) fil-ħarġa tal-25 ta' April 1874. In-nies ikkonkorriet bi ħġarha għall-festa u ċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja kienu msebbħa b'mużika tassew sabiħa taħt id-direzzjoni ta' Mro. Riccardo Bugeja, flimkien ma' zijuh Mro Filippo Bugeja. Dawn esegwew xogħlijiet mużikali mir-repetorju tal-Kappella Bugeja, fosthom l-antifoni ċelebri ta' Vincenzo Bugeja u xogħlijiet aktar bikrin tal-fundatur tal-Kappella, Mro. Pietro Paolo Bugeja. Skond l-istess ġurnal fil-ħarġa tiegħu ta' l-4 ta' Mejju ta' l-1873 f'artiklu dwar il-festa ta' San Publju ta' dik is-sena, Mro. Riccardo Bugeja ikkompona Kyrie ġdid għall-quddiesa solenni ta' nhar il-festa li ġie apprezzat u mfaħħar minn kulħadd. Hekk ġara wkoll fil-festa tas-sena ta' wara (1874). Minkejja li fil-ġurnal ikkwotat m'għandniex dettalji dwar liema biċċiet ġodda ġew esegwiti, is-surmast Bugeja ġie mfaħħar għall-kompożizzjoni u l-esekuzzjoni brillanti li wettaq f'din l-okkażjoni.

It-tlett ijiem tat-Tridu fil-15, 16 u 17 ta' April 1874 kienu suċċess dovut speċjalment għas-sehem tal-predikatur Majjistru Patri Giovanni Antonio Bonello, Dumnikan u kappillan tal-parroċċa tal-Portu Salvu l-Belt għal bosta snin. L-artkolista jkompli billi jirrimarka li l-ġemgħa preżenti għall-Ewwel Għasar Solenni ta' Lejlet il-Festa (18 ta' April 1874) kienet tassew numeruża. Wat il-kant solenni ta' l-Ewwel Għasar indaqqet mużika tal-Kappella Bugeja esegwita mill-aqwa mużiċisti u kantanti ta' dak iż-żmien. L-artikolista jinfurmana li ħafna minn dawn il-mużiċisti u kanti kienu wkoll l-istess li kienu jdoqqu u jkantaw fit-teatri maltin, prinċipalment fit-Teatru Manoel. Dan għaliex fil-25 ta' Mejju 1873 l-akbar teatru kompetitur tal-Manoel, it-Teatru Rjal, inħaraq u għal ftit ma kkawżax diżastru kbir anki fil-Furjana. L-artikolista jgħid: "Nulla diciamo dei solenni primi vespri per la bella musica, perche' non ci basta la penna per descrivere lo entusiasmo della numerosa popolazione che si letizzava per quella dolce e sacra melodia."

F'jum il-Festa, nhar il-Ħadd 19 ta' April 1874, il-Quddiesa Solenni tqieset bħala suċċess u ċelebrazzjoni mill-aqwa. Dan kien dovut mhux biss għall-attendenza qawwija tan-nies u s-sbuħija tal-mużika iżda fuq kollox minħabba l-parteċipazzjoni intensa u ferrieħa tal-miġemgħa flimkien miġbura waqt din l-Ewkaristija. Il-Quddiesa ġiet iċċelebrata mill-W.Rmu. Mons. Dr. Vincenzo Dingli D.D. Kanonku Dekan tal-Kapitlu tal-Katidral. L-eloġju dwar il-qaddis sar minn Dr. Dun Tedoro Galea D.D. Huwa fatt interessanti ħafna li fost is-semmiegħa, l-artikolista jsemmi lil xi nies distinti, fosthom ċertu filosfu panteista Dr. Aquarum flimkien ma' poeta magħruf bħala '*della Faenza*' li kien ukoll għalliem fil-Liceo.

L-artikolista jew il-korrispondent anonimu jgħid li l-qofol tal-festa ntlaħaq bil-purċissjoni devota bl-istatwa ta' San Publju. "*Nella sera poi la processione chiudeva la divota e brillante festa, il concorso della gente in questo anno era straodinario-il brio, il gaudio rilucevano sul*

*volto di tutti....*" Il-festa ta' San Publju, bħal ħafna festi oħrajn kienet mument ta' soljiev għal kull mebru tas-soċjetà Furjaniża u maltija. indipendentement mill-klassi soċjali tiegħu, mill-problemi tiegħu u mid-differenzi li jkun hemm fost individwi u entitajiet. Għal din il-purċissjoni ġew mistiedna bosta saċerdoti, kappillani u arċiprieti tad-djoċesi li aċċettaw bil-ferħ l-istedina ta' l-Arċipriet Senglean tal-Furjana il-Kanonku Salvatore Gaffiero li żmien wara sar Isqof Awżiljarju ta' Malta. Ipparteċipaw fil-purċissjoni l-konfraternitajiet tal-Furjana u l-kleru kollu tal-parroċċa. Fl-aħħar intemm kollox, kif inhu xieraq, bil-Barka Sagramentali.
Madankollu l-artiklu ma jiqafx hawn u jkompli jiddeskrivi l-atmosfera li rnexxielhom joħolqu l-Furjaniżi bl-illuminazzjoni ġenerali li qatt ma saret bħalha qabel u bid-dekorazzjonijiet sbieħ mat-toroq tas-subborg. "Ora cosa diciamo dell'esterno. L-illuminazione di questo anno supero' tutte le passate e di parecchi altri..." Ipparteċipaw fil-festa numru kbir ta' baned, u għalkemm ma tissemmiex nistgħu nassumu li ħadet sehem għall-ewwel darba uffiċjalment il-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena li ġiet istitwita dik is-sena stess jiġifieri fl-1874, proprju 130 sena ilu. Ma naqasx lanqas il-logħob tan-nar ta' l-art u ta' l-ajru, ".... fuochi d'artificio mille e mille segni di giubilo e repudio che i Florianesi hanno saputo procurare, per onorare il loro Santo Patrono."

**FESTA 1874**
**INAWGURAZZJONI TAT-TUŻELL U L-BANDA VILHENA TIEĦU SEHEM UFFIĊJALMENT GĦALL-EWWEL DARBA**



**IĊ-ĊELU KIF IKUN ARMAT FIL-FESTA**

L-artikolista jfaħħar u jirringrazzja lill-W.R. Arċipriet, lill-Konfratelli u l-Prokuraturi u l-poplu Furjaniż kollu kemm hu għall-festa sabiħa, meqjusa, u fuq kollox essenzjalment 'reliġjuża' li għaraf jiċċelebra b'qima kbira lejn San Publju. L-artiklu jagħlaq b'ċertifikat tassew sabiħ għall-poplu Furjaniż ta' kemm għaraf jipparteċipa fil-festa u mhux biss iqim u jiffesteġġja lil Kristu u l-qaddisin tiegħi iżda jaf ukoll iġib ruħu b'mod tassew nisrani u jħobb u jirrispetta l-ministri t'Alla fdati bit-tmexxija tal-parroċċa. In-nies urew bil-fatti li l-preżenza tagħhom fil-Knisja ma kenitx motivata mill-mużika li kienet tindaqq bħallikieku n-nies kienet tkun interessata biss fil-mużika sagra u daqshekk, (kif kultant nisimgħu lil xi wħud jgħidu) iżda għax kienu jħossu l-bżonn u bil-kapaċitajiet u t-talenti li kellhom dak iż-żmien, kienu fid-dmir li jirringrazzjaw lil Alla talli għaniehom b'San Publju bħala Patrun tagħhom. "Noi prima di porre dine a questa troppo debole descrizione, siamo tenuti di lodare la quiete e la trancuillita' di questa cattolica popolazione, che nell'onorare il Redentore ed i suoi Santi professa venerazione, amore ed ossequio ai ministri del Santuario, i quali inculcano obbedienza-pace e concordia, sa dare segni di stima e di sommessione."
L-artikolista jispiċċa billi jfaħħar lil grupp ta' żgħażagħ li kantaw innu f'ġieħ il-Papa Piju IX; "Lode cordialissima infine a quei giovani dilettanti che hanno cantato l'inno dell'immortale Pio IX".
L-istess ġurnal jiġifieri "Lo Smasheratore' huwa strumentali sabiex wara tant żmien ifeġġ fil-beraħ l-isem ta' min ta lill-Furjana opra artistika tassew sabiħa. Eżattament 130 sena ilu, l-





imgħallem Vincenzo Mercieca ra t-tużell li ħadem hu stess isebbaħ għall-ewwel darba l-artal maġġur tal-Knisja Arċipretali tal-Furjana. Jirriżulta li l-isem ta' min ħadem it-tużell qatt ma ssemma u sa llum ma kienx magħruf. Fil-letteratura dwar l-istorja tal-Furjana, il-figura ta' Mercieca hija kompletament assenti u dan żgur mhux għaliex tqies bħala figura irrelevanti għall-istorja Furjaniża.

Fil-ħarġa ta' l-istess ġurnal 'Lo Smascheratore' nhar it-18 ta' April 1874 minbarra li tidher fil-ġurnal poeżija f'ġieħ San Publju fl-okkażjoni tal-festa tiegħu fil-Furjana, jidher artikolett li jitkellem dwar l-inawgurazzjoni tat-tużell, (li kważi b'ċertezza nistgħu ngħidu li huwa dak li għadna ngawdu llum) għall-festa ta' l-1874. Dan jgħid li kull min daħal fil-Knisja ta' San Publju armata għall-Festa ma setax ma jintebaħx bit-tużell (imsejjaħ *trono*) il-ġdid li qed isebbaħ il-Knisja f'dawn il-jiem. L-artikolista jfaħħar lis-Sur Bonnici għad-disinn u lis-Sur Mercieca għax-xogħol esegwiet b'maestrija ta' l-għaġeb. "Chiunque ha veduto il nuovo trono di San Pubblio-e rimasto entusiasmato-tanto per il desegno, quanto per la esecuzione dello stesso. Quindi una giusta lode e dovuta tanto al Signor Aristide Bonnici per il suo bel disegno, quanto al bravo Maestro Vincenzo Mercieca per la finezza e vaghezza del lavoro".

Ta' min jinnota li fil-Kolleġġjata Bażilika ta' l-Isla tinsab statwa tal-Madonna tal-Karmnu tassew mirquma magħmula mill-injam, opra ta' Aristide Bonnici, l-istess disinjatur hawn fuq imsemmi. B'hekk nistgħu nżidu Vincenzo ieħor ma t-tnejn l-oħra li diġa huma marbutin sew ma' l-istorja tal-Furjana, Vincenzo Dimech (l-iskultur ta' l-istatwa ta' San Publju fl-1811) u Vincenzo Bugeja (il-kompożitur taż-żewġ antifoni O Melitea Digna Proles fl-1844 u fl-1860). Vincenzo Mercieca u Aritide Bonnici ħaqqhom kull ġieħ għall-opra kbira li ħallewlna li għadha ssaħħar ta' kull sena lil kull min jidħol fil-Knisja Arċipretali tal-Furjana fil-jiem tal-Festa ta' San Publju. Nittamaw li maż-żmien dawn iż-żewġ figuri jitilgħu fil-wiċċ ta' l-isorja lokali u eventwalment ikollna iżjed tagħrif dwar min kienu u x'wettqu dawn iż-żewġ artisti marbutin għal dejjem mal-Furjana.

**April 2004 - Furjana**

**BIBLIGRAFIJA:**


1. Il-Ġurnal 'Lo Smascheratore' 1873-1874 - Biblijoteka Nazzjonali Valletta.
2. Final Focus on Floriana - Emmanuel S. Tonna - Progress Press, Malta 1979.
3. Żewġ Artisti fil-Furjana - Oliver Friggieri - Kunsill Lokali Floriana - Unio Press Marsa, 1997.
4. Descrizione Storica dele Chiese di Malta e Gozo - Achille Ferres 1866 - Facsimile Edition Midsea Books Ltd - Interprint Malta 1985.
5. Il-Mużika ta' Malta fis-seklu Dsatax u Għoxrin - Joseph Vella Bondin - PIN Pietà - Europrint 2002.
6. L-istorja ta' l-Opra f'Malta (1866-2000) - Alfred G. Miceli - PIN Pietà - Europrint 2001.



